it-Triq

Lulju 2009 — Nru. 354

ma' KRISTU l-ferħ possibbli

www.it-triq.org



# Ġeometrija



## Ġeometrija
## (Ħsieb fuq il-qoxra ta' barra)



Ħafna drabi lanqas qatt nobsru kif jaħdem il-Mulej biex jiġbed lejh erwieħ li jkunu aljenati bil-ħwejjeġ tad-dinja. Każ tipiku hu dak ta' żagħżugħ Ingliż jismu Edmond li kien igħallem il-Matematika fl-Universita' ta'Oxford. L-iktar suġġett għal qalbu kien il-Ġeometrija. Tant kien mehdi f'dan is-suġġett li anki bil-lejl kien iqum biex jipprova jsolvi xi problema li kienet tkiddu.

Darba kellu ħolma. Ħolom li kien qed jitħasseb dwar problema tal-Ġeometrija … kellu ħafna ċrieki u figuri mpinġijin fl-art. Dehritlu ommu li kienet mietet ftit żmien qabel, u staqsietu x'kienu dawk is-sinjali u ċ-ċrieki li kellu ma' l-art. Hu spjegalha bir-reqqa kollha. Imbagħad hi resqet eqreb lejh, qabditlu idu l-leminija u pinġiet tliet ċrieki mdaħħlin f'xulxin, waqt li fihom kitbet: Missier, Iben, Spirtu s-Santu.

Imbagħad ħarset bil-ħlewwa lejn binha u qaltlu: 'Għażiż ibni, dawn huma l-figuri li għandek tistudja 'l quddiem. Ħalli l-figuri l-oħrajn, u aħseb iktar fil-ħwejjeġ li huma tassew neċessarji. Tinsiex li jiena dejjem ħabbejtek, għidtlek il-verita' u ridtlek il-ġid. Isma' minni! Ħu ħsieb l-affarijiet li jibqgħu, u aħdem, irsisti u studja dak li ma jintemmx.'

Wara din il-ħolma, li baqgħet stampata f'moħħ dan iż-żagħżugħ, hu beda bis-serjeta' jistudja t-Teoloġija u sar reliġjuż bi spiritwalita' profonda u saċerdot ħabrieki. Wara mewtu, l-Knisja ddikjaratu qaddis … San Edmond. Il-parir t'ommu aċċettah bil-qalb u swieh mitqlu deheb.

Qed niddedikaw din il-ħarġa ta' Lulju 2009 lil Ħabiba tagħna li ġentilment għamlet offerta ġeneruża għall-ispejjeż ta' dan il-fuljett. Waqt li nirringrazzjawha, inwegħduha t-talb tagħna.

**Id-Direzzjoni**

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

**fuljett ta' kull xahar maħruġ minn grupp ta' talb fost Il-Ħaddiema**

**Nru. 354**
**Lulju 2009**

# X'ser niggwadanja?
**(Editorjal)**

Ħbieb,
Dan l-aħħar kont qed naqra li xi snin ilu, f'gazzetta ta' kuljum fl-Indja xandru storja ta' tifel ta' l-iskola, ta' madwar 12-il sena, li għal sentejn sħaħ, kull filgħodu, kien imur iġib l-ilma għal waħda mara anzjana li kienet sfat imwarrba mill-komunita' għax kienet fqira u marida. Tgħiduli, x'hemm speċjali f'din l-istorja? Il-fatt li dan it-tifel kien jimxi mhux inqas mnn 12-il mil kuljum biex jasal sal-bir minn fejn kien iġib l-ilma għal din il-mara anzjana!

X'esperjenza ta' ferħ tħoss meta tagħmel xi ħaġa lil dik il-persuna li taf li ma tistax tpattilek lura tal-ġid li tagħmlilha.

Id-diżgrazzja hi li ħafna minna tant moħħna fina nfusna x'nistgħu nakkwistaw aħna, li ma nagħmlu xejn għal ħaddieħor jekk mhemmx gwadann għalina personali.

Ejjew nidraw ngħinu lill-oħrajn, ikunu xi jkunu ċ-ċirkustanzi, ladarba tinħtieġ l-għajnuna tagħna. Ma niddejqux noħorġu barra mit-triq tagħna sabiex inkunu ta' servizz għall-proxxmu tagħna. Ikollna esperjenza ta' ferħ ġenwin meta nkunu ta' servizz u għajnuna għal ħaddieħor.

Il-mexxej Indjan Mohandas Gandhi kien spiss iħobb jirrepeti: 'Jien inżomm li wieħed li jiskarta lil ħaddieħor biex ma jgħinux huwa delitt kontra l-umanita'.

# No more excuses !



The next time you feel like God cannot use you,
Just remember …
Noah was drunk
Abraham was too old
Isaac was a day dreamer
Jacob was a liar
Moses had a stuttering problem
Gideon was afraid
David had an affair and was
a murderer
Elijah was suicidal
Jonah ran from God
Naomi was a widow
Job went bankrupt
Peter denied Christ
The disciples fell asleep while praying
Martha worried about everything
The Samaritan woman was divorced
more than once
Zaccheus was too small
Paul was over-religious
Lazarus was dead.

Don't forget that Jesus helped them all.
Therefore, no more excuses!
God can use you to your full potential.
Besides you are not the Message,
You are just the messenger.



# Dak kien żmien !



Kos, jien għixt it-tfulija u ż-żgħożija tiegħi fis-snin sittin u sebgħinijiet.

Konna nsuqu r-roti u ntellqu bejnietna bla ma nilbsqu elmi għal rasna, jew *knee caps* jew *elbow pads*. Mhux l-ewwel darba li tkaxkarna ma' l-art, imma konna nerġgħu nqumu, nitfarfru u nkomplu … Iva, konna nweġġgħu jdejna u saqajna, ġrieħi ma' kullimkien u demm f'imneħirna … madankollu ma' konniex inlaqqtu dawn l-infezzjonijiet li nibtu ma' kullimkien illum!

Meta jaqbadna l-għatx, nixorbu ilma tal-vit … l-ilma tal-fliexken kien għadu misteru għalina!

Konna nżommu u nġemmgħu minn kollox biex iservuna ta' logħob: biċċiet ta' njam, zkuk, kaxxi tal-kartun. Konna nilagħbu wkoll bil-boċċi, żibeġ, Cowboys u Indjani, tas-suldati, noli, xixu, futbol … u ma konniex niddejqu nirrepetu l-istess logħob!

Konna kapaċi nitilgħu ma' siġar twal … u mbagħad min jirnexxilu jaqbeż mill-aktar għoli għal isfel! Konna nibqgħu nilagħbu barra t-triq jew f'xi għalqa sigħat sħaħ, basta nkunu lura d-dar madwar il-mejda għall-ikel qabel ma jidlam.

Konna nimxuha sa l-iskola, jew inkella bir-rota, u matul it-triq niltaqgħu ma' salt ħbieb u erħilna niċċaċċraw bejnietna.

Ma kellniex *mobiles*, madankollu xorta waħda konna nsibu lil xulxin u nitkellmu bejnietna.

Konna nieklu minn kollox: kejk, ħobż biż-żejt, ċikkulata, pastizzi, mqaret, ġelati … u nixorbu luminati u xorb ieħor kollu zokkor! Madankollu xorta waħda konna nibqgħu rqaq bil-ġiri li niġru u l-enerġija li konna naħlu. Ma konniex niddejqu nixorbu mill-istess flixkun mingħajr ma nittieħdu b'ebda mard! *(ikompli f'paġna 8)*



# bċejjeċ ta' l-idoli

## *Il-ġrajja ta' Santa Cristina*

Santa Cristina twieldet fir-raħal ta' Bolsena fl-Italja, ftit 'il bogħod mill-belt ta' Viterbo. Kienet tifla ta' sinjur pagan li kien jismu Urbanu. Missierha kien imsemmi għal kemm kellu idoli tad-deheb. Meta Cristina kellha madwar tnax-il sena, sabet dawn l-idoli u bla ma qalet xejn lil missierha, kissrithom kollha u bdiet tqassam il-biċċiet tad-deheb lill-fqar biex ikollhom xi jsarrfu u bil-flus jixtru x'jieklu.

Meta Urbanu sar jaf x'għamlet bintu, tant saħan kontriha li ħalef li jpattihielha bl-ikrah. L-ewwel ma ordna kien li tiġi msawta b'vireg tal-ħadid u wara tefaħha fil-kalzri mudlam taħt l-art. Cristina xejn ma ċċaqalqet mill-fidi tagħha. Wara li reġgħu ħaqruha bis-snanar tal-ħadid, rabtuha ma' kavallett (bħal rota tat-torturi), biex taħtha jqabbdu ħuġġieġa ħalli jaħarquha. Iżda l-Mulej ippermetta li l-fjammi flok ħarqu lil Cristina, daru lejn min kien ried jaħraqha.

Wara dan kollu, iż-żagħżugħa qaddisa rabtulha ġebla kbira ma' għonqha u tefgħuha fl-għadira Bolsena. Iżda l-Mulej, permezz ta' anġlu salvaha mill-għarqa. Sadanittant missierha miet, imma floku laħaq ieħor agħar minnu. Dan ukoll ried jeħles minn Cristina, u għalhekk ġiegħelhom jitfgħuha f'ħuġġieġa biex tmut maħruqa, iżda mill-ġdid ma ġralha xejn.

Il-qawwa ta' Ġesu' dehret fi Cristina meta din ma ġralha xejn meta attakkawha s-sriep. Wara dan qatgħulha lsienha u nifduha bil-vleġeġ.

Ir-relikwi tagħha jinsabu fil-belt ta' Palermo, fi Sqallija. Il-festa tagħha ssir fl-24 ta' Lulju.

---

Judge your success by what you had to give up in order to get it.

Great love and great achievements involve great risk.

---

# Filli Favur u Filli Kontra





Ġakbu kien raġel magħruf bħala wieħed mill-aktar nies li kien jirsisti għall-festa tar-raħal. Darba kien fil-parroċċa jitlob quddiem l-istatwa ta' San Mikiel. Dak il-ħin għadda minn ħdejh il-Kappillan, Dun Alwiġ, li bi tbissima staqsieh: "Hawn x'qed tagħmel Ġakbu?"

"Qed nitlob lil San Mikiel u 'l ta' taħtu ... għax fid-dinja ma tafx lil min tiġi bżonn!" wieġeb pront pront Ġakbu, bla ma qala' għajnejh minn fuq l-istatwa ta' San Mikiel.

Il-Kappillan iddispjaċieh għal tweġiba bħal din, iżda fl-istess ħin xejn ma skanta li fil-parroċċa tiegħu għandu min hu lest sabiex daqqa jdur lejn il-Mulej, u daqqa jdur lejn ix-xitan.

Fil-ħajja niltaqgħu ma' diversi persuni li huma bla karattru. Jirraġunaw bħal dan Ġakbu, daqqa jersqu lejn Alla, u daqqa jduru lejn ix-xitan. L-aqwa li dejjem iħossuhom li qed jinqdew huma. Filli jgħidu favur, filli kontra. Iqabblu skont kif jaqbel lilhom. L-iskuża għal dan l-għemil tagħhom bla sinsla spiss ikun: "Għax illum kulħadd hekk jagħmel."

Dawn huma nies bla karattru. Ma tafx fejn int magħhom, għax għandhom sieq 'l hawn u l-oħra 'l hemm.

Kien appuntu għal nies bħal dawn li Ġesù qal: "Mhux min igħidli Mulej, Mulej jidħol fis-Saltna ta' Missieri ..."

Għax bil-kliem biss ma nagħmlu xejn ... qatt.

## The Family

The family is, so to speak, the domestic church.
In it parents should, by their word and example,
be the first preachers of the faith to their children;
they should encourage them in the vocation
which is proper to each of them,
fostering with special care a vocation
to a sacred state.

*(Lumen Gentium Dogmatic Constitution on the Church)*



# Beatu Nazju Falzon

Fl-1 ta' Lulju nfakkru lill-Beatu Nazju Falzon. Għaldaqstant fil-Volum "Positio Super Virtutibus" li fih inġabru d-dokumenti kollha fuq il-ħajja tal- Beatu Nazju Falzon biex beda l-proċess tal-Kanonizzazzjoni, insibu dan il-fatt ħelu li juri r-rabta bejn Nazju Falzon u żagħżugħ li xtaq isir Franġiskan, kif fil-fatt ġara. Jalla dan il-Beatu jnissel f'xi uħud miż-żgħażagħ tagħna is-sejħa għall-ħajja reliġjuża.

Il-Beatu Nazju Falzon (1813-1865) li kien ta' ħajja qaddisa, baqa' magħruf għall-appostolat li kien jagħmel fost ir-reġimenti Ingliżi li kienu Malta. F'dak iż-żmien pajjiżna kien kolonja Ingliża u għalhekk il-portijiet Maltin kienu mimlija suldati u baħrin Ingliżi: Fi żmien il-Gwerra tal-Krimea (1853-1856), ħafna riġmenti kienu stazzjonati f'Malta. Fil-Port il-Kbir kont tara ankrati vapuri tal-flotta Ingliżi, bid-duħħan ħiereġ miċ-ċmieni sofor tagħhom dejjem lesti biex isalpaw għal xi destinazzjoni ġdida.

Il-Beatu Nazju Falzon, li kien imdawwar minn mijiet ta' suldati u baħrin Ingliżi li ta' kuljum kienu jimlew it-toroq tal-Belt, xtaq li jkun ta' gid għali-hom. Kellu bħal don speċjali kif kien jitħabbeb magħhom u kien jistidin-hom għal-laqgħat tad-duttrina. Għall-ewwel kien jiġborhom fid-dar

*(ikompli fil-paġna li jmiss)*

*(ikompli mill-paġna ta' qabel)*
tiegħu numru 17 Triq id-Dejqa l-Belt. Dawn kienu jkunu fil-maġġoranza tagħhom Kattoliċi Irlandiżi. Magħhom kien ikun hemm oħrajn li kienu jitħajru jitgħammdu. Oħrajn kienu jmorru biex jiftħu qalbhom miegħu. Mhux biss, iżda ħafna drabi kien isir jaf personalment il-familja tagħhom, b'mod speċjali ta' dawk li kienu stazzjonati f Malta u kien jieħu ħsiebhom spiritwalment.

Il-familja Doyle, ta' nazzjonalità Irlandiża, kienet għadha kemm waslet Malta minn Korfu u ġiet toqgħod f'Tas-Sliema. Mill-ewwel saret midħla tal-Beatu Falzon, u flimkien ma' wliedhom, kienu jmorru l-Belt biex jgħidu r-rużarju fil-laqgħat li l-Beatu kien jagħmel fil-Knisja tal-Ġiżwiti.

Darba, wieħed mit-tfal tal-Familja Doyle, li kien jismu Frederick, kellem lill-Beatu Falzon biex jieħu parir dwar il-vokazzjoni reliġjuża tiegħu. Hu xtaq isir Franġiskan. Nazju Falzon kien ilu jsegwi liż-żagħżugħ b'interess kbir. Jum fost l-oħrajn, ħadu fil-kunvent ta' San Franġisk li hemm fi Triq ir-Repubblika l-Belt. Hemm sab lill-Majjistru Patri Pawl Anton Sillato (1803-1877), Superjur tal-Franġiskani Konventwali ta' Malta, saċerdot bravu u ta' ħajja qaddisa. Patri Sillato kien magħruf sew fost il-kleru kollu ta' Malta, minħabba li f'dak iż-żmien kien id-Direttur Spiritwali tas-Seminarju ta' l-Isqof, fi Triq San Kalċidon, il-Furjana. Il-Beatu Nazju Falzon ħalla liż-żagħzugħ f'idejh, u Patri Sillato, bi mħabba kbira laqa' lil Frederick Doyle fil-kunvent.

Kien is-sajf tas-sena 1853, meta Patri Sillato avviċina lil Patrick u Jane Doyle, il-ġenituri taż-żagħżugħ, u wara ftit taż-żmien it-tifel tagħhom Frederick daħal mal-Patrijiet ta' San Franġisk ta' Putirjal il-Belt.

Frederick Doyle twieled Longford, fl-Irlanda, fl-4 ta' Frar 1841. Fit-30 ta' Diċembru 1853 libes l-abitu Franġiskan għall-ewwel darba fil-knisja ta' San Franġisk il-Belt. Tawh l-isem ta' Fra Frederick Bonaventura. Ftit wara mar Sqallija u beda l-istudju tal-Letteratura fis-Seminarju tal-Franġiskani f'Messina. Imbagħad, wara sentejn is-Superjuri bagħtuh fil-Kunvent ta' Santi Appostoli f'Ruma fejn għamel is-sena tan-novizzjat. Fis-17 ta' Settembru 1857, festa tal-Pjagi ta' San Franġisk, għamel il-Professjoni Solenni.

Fra Frederick Bonaventura kompla l-istudju tal-filosofija f'Recanati fil-Provinċja tal-Marche fl-Italja. Kien żmien meta l-Ordni tal-Franġiskani Konventwali kien qiegħed ifittex jiftaħ dar ġdida fl-Istati Uniti ta' l-Amerika. Għalhekk fis-sena 1858, Fra Frederick Bonaventura ntgħażel

*(ikompli fil-paġna li jmiss)*

*(ikompli mill-paġna ta' qabel)*
biex imur l-Amerika ma' l-ewwel grupp ta' patrijiet. Kien għadu student. Fl-Istati Uniti studja t-teoloġija u kien ordnat saċerdot.

Patri Frederick Bonaventura Doyle ħadem fost l-emigranti Irlandiżi fi New York. Fis-sena 1865 reġa' lura fl-Italja, u kien konfessur għal-lingwa Ingliża fis-Santwarju ta' Loreto. Imbagħad, fis-sena 1870, sar penitenzier appostoliku fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Fis-sena 1876 irċieva l-Lawrija fit-Teoloġija.

Matul dan iż-żmien kien qiegħed iħossu muġugħ u marid ħafna. Is-saħħa baqgħet dejjem tonqsu u għalhekk fuq il-parir tat-tobba rega' lura lejn l-Amerika fil-25 ta' Ottubru 1878.

Patri Doyle, waqt il-marda twila tiegħu kien ta' eżempju għal kulħadd. Il-bidu tal-vokazzjoni reliġjuża tiegħu kienet ir-reċita tar-rużarju ta' kuljum fil-knisja tal-Ġiżwiti flimkien mas-suldati, u sa l-aħħar nifs ta' ħajtu baqa' devot tal-Madonna, kif għallmu jagħmel dejjem il-Beatu Nazju Falzon.

Patri Frederick Bonaventura Doyle miet fil-Kunvent ta' St. Joseph, 702 Columbia Street, Utica, New York, fis-sena 1885.

---

*(ikompli minn paġna 3)*
Ma kellniex *playstations, MP3's, Nintendo's*, *I-Pods*, logħob tal-*video,* il-mijiet ta' stazzjonijiet tat-TV li hawn illum, *DVD's*, *mobile phones*, *home cinemas*, *computers*, *internet*, *chat-rooms* … imma kellna ħbieb ta' veru, u ferħ ġenwin.

Meta ma konniex ngħaddu mill-eżami, konna sempliċiment nirrepetu l-istess sena, mingħajr ma mmorru għand il-psikjatra jew għand xi counsellor … ma konniex inbatu mill-istress dak iż-żmien.

Kellna l-liberta', is-suċċessi u l-fallimenti tagħna, ir-responsabbiltajiet tagħna, u fuq kollox, kellna rispett lejn xulxin.

---

*Remember that not getting what you want is sometimes*
*a wonderful stroke of luck.*

*When you lose, do not lose the lesson.*

---

# Niżżel fid-Djarju tiegħek



**Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2009**
<u>L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar</u>
B'devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesu', f'dan il-jum nersqu lejn il-Quddiesa u naraw li nkunu disposti wkoll sabiex nitqarbnu.

> ***Laziness and idleness bring with them many vices.***
>
> St. John Bosco

bil-flus tixtri dar, iżda mhux il-familja
bil-flus tixtri arloġġ, iżda mhux il-ħin
bil-flus tixtri sodda, iżda mhux il-mistrieħ
bil-flus tixtri ktieb, iżda mhux l-għarfien
bil-flus tħallas għat-tobba, iżda ma tixtrix is-saħħa
bil-flus takkwista pożizzjoni, iżda mhux ir-rispett
bil-flus tixtri s-sess, iżda mhux l-imħabba

# Rokna Ċajt

Raġel li ma kienx jara tajjeb mar biex isuq karozza. Saq wrong way u għal ftit ma daħalx fi trakk. Ġie pulizija u qallu: ‘Mela ma rajthomx il-vleġeġ?’ ‘Lanqas l-indjani ma rajt, aħseb u ara l-vleġeġ !’

---

Bertu: ‘Surġent, żewġt’irġiel serquli l-karozza.’
Surġent: ‘U int x’għamilt? Bqajt tħares lejhom?’
Bertu: ‘Le Sinjur, ħadtilha n-numru biex inkun nista’ nirraporta.’

---

Żewġt iħbieb kienu qed jitkellmu u Pawlu beda jilmenta li l-kunjata tiegħu ġejja u sejra d-dar tiegħu.
‘Jiena l-kunjata tiegħi darba ġiet għandi,’ qallu l-ieħor.
‘Tgħid mhux se nemmnek?’ wieġeb Pawlu.
‘Naċċertak,’ qallu l-ieħor, ‘ġiet l-għada tat-tieġ u baqgħet hemm sal-lum !’

---



‘Hemm x’int tagħmel Pawl?’ staqsa Pietru.
‘Nikteb ittra lil ħija,’ wieġbu Pawlu.
‘Mela int taf tikteb,’ kompla Pietru.
‘Tikkonfondix, lanqas ħija ma jaf jaqra !’

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil:
Paul Schembri
73 ‘Terezita’, Triq Birbal, Balzan BZN 9015
Tel: 21440384
e-mail: it-triq@camline.net.mt
url: www.it-triq.org